

L-450 ANNIVERSARJU MILL-ASSEDJU L-KBIR FUQ IL-GŻEJJER MALTIN

# Il-Mislem falla quddiem il-Gran Mastru Jean de Vallette



Max Farrugia

*"Waqt il-laqgħa li saret f'Ottubru tal-1564 joħroġ ċar mid-diskussjoni li saret li biex Malta tintrebaħ ma kienx se jkun xi eżerċizzju faċli u mhux kulħadd qabel ma' dak li kien qed jintqal. Imma Suleiman dejjem xtaq, anzi ried, li qabel iħalli t-tron tiegħu jara l-waqgħa tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Huwa kien jaf mill-pariri li kienu ngħatawlu li l-pożizzjoni strateġika ta' Malta kienet importanti ħafna għall-pjani tiegħu, li jagħmel l-Ewropa art Musulmana. Kien jaf li jekk Malta tintrebaħ, minbarra l-waqgħa tal-Kavallieri ta' San Ġwann, kienet tkun pass importanti ħafna biex minn hemmhekk jorganizza l-attakki tiegħu fuq Sqallija, u jibqa' tiela' lejn in-naħa ta' isfel tal-Italja u wara jiddomina l-Ewropa kollha kif kien qed jaspira li jagħmel."*

*"de Vallette kellu l-kwalifiki kollha neċessarji ta' mexxej, kellu personalità, u determinat li ma jħallix lill-Mislem jieħu l-Ewropa f'idejh. Kien proprju b'dawn il-kwalitajiet kollha li rnexxielu jgħaqqad forza Ewropea ta' Kavallieri, li flimkien ma' missirijietna ssieltu għal erba' xhur kontra l-flotta u l-armata ta' Suleiman u rnexxielhom joħorġu rebbieħa."*

L-Assedju ta' Malta tal-1565 ma kienx xi wieħed kumbinazzjoni ta' piraterija bħalma kien isir dak iż-żmien, imma ppjanat tajjeb ħafna mill-awtoritajiet Ottomani, u li kellu

l-iskop ewlieni tiegħu li jekk tintrebaħ Malta jkunu jistgħu javvanzaw aktar lejn l-Ewropa Ċentrali.

Wara ħafna ħsieb mis-Sultan Suleiman II li kien wiret il-ħakma mingħand missieru fl-1520, meta kien għad għandu 26 sena biss, f'Ottubru tal-1564 waqt laqgħa li fiha kien hemm l-aktar uffiċjali għolja tal-forzi tal-baħar u tal-art Ottomani, ġie deċiż li l-attakk fuq Malta jsir is-sena ta' wara. Id-data tal-attakk kellha tkun f'Mejju. Kemm dam jirrenja Suleiman II għamel ħafna suċċess tant li fl-istorja Ewropea nirreferu għalih bħala Suleiman il-Kbir. Fost dawn ir-rebħiet kien hemm dik fuq il-Kavallieri ta' San Ġwann ġewwa Rodi wara kumbattimenti li damu sitt xhur sħaħ.



Ir-Re Suleiman II

### Riedu li l-Ewropa ssir art Musulmana

Waqt il-laqgħa li saret f'Ottubru tal-1564 joħroġ ċar mid-diskussjoni li saret li biex Malta tintrebaħ ma kienx se jkun xi eżerċizzju faċli u mhux kulħadd qabel ma' dak li kien qed jintqal. Imma Suleiman dejjem xtaq, anzi ried, li qabel iħalli t-tron tiegħu jara l-waqgħa tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Huwa kien jaf mill-pariri li kienu ngħatawlu li l-pożizzjoni strateġika ta' Malta kienet importanti ħafna għall-pjani tiegħu, li jagħmel l-Ewropa art Musulmana. Kien jaf li jekk Malta tintrebaħ, minbarra l-waqgħa tal-Kavallieri ta' San Ġwann, kienet tkun pass importanti ħafna biex minn hemmhekk jorganizza l-attakki tiegħu fuq Sqallija, u jibqa' tiela' lejn in-naħa ta' isfel tal-Italja u wara jiddomina l-Ewropa kollha kif kien qed jaspira li jagħmel.

Suleiman ma kienx qed jinjora l-forza militari tal-Ordni tal-Kavallieri li wara l-waqgħa ta' Rodi reġgħet saret forza importanti ħafna fin-naħa ta' isfel tal-Ewropa u allura ried ikun ċert li l-ispedizzjoni li kienet se tattakka lil Malta tkun ta' forza straordinarja biex żgur ikollha suċċess. Mill-esperjenza li kien akkwista matul ir-renju tiegħu bir-rebħiet waħda wara l-oħra, huwa wkoll bena armata b'saħħitha ħafna li kienet kapaċi ġġiblu rebħiet kbar f'diversi bliet Ewropej fosthom Belgrad, Budapest, Rodi, kif ukoll Bagdad u l-Alġerija, fost oħrajn. Minkejja dan kollu, kien jaf li l-Kavallieri f'Malta kienu se jkunu xewka kbira fl-attentat biex jieħu l-gżejjer Maltin u javvanza għan-naħa l-oħra tal-Ewropa.

### It-tħejjija għall-assedju fuq Malta

Sakemm wasal iż-żmien biex isir assedju fuq il-gżejjer Maltin biex imexxu kemm il-flotta kif ukoll l-armata, Suleiman II ħatar l-aktar żewġ persuni li kellhom esperjenza fil-kamp tal-battalja. Biex żgur ma jinqalax inkwiet bejniethom, ingħatawlhom l-istess karigi u l-istess poteri skont il-qasam tagħhom.

Dawn kienu Mustafa Pasha, u Piali Pasha. Filwaqt li Mustafa Pasha kellu l-kmand assolut tal-forzi fuq l-art, Piali Pasha kellu l-istess poteri fuq il-baħar. Lil dawn it-tnejn appellalhom biex jikkoordinaw flimkien u mhux jaqdfu għal rashom. Huwa ordnalhom ukoll li ma jieħdu ebda deċiżjoni qabel ma Dragut u l-kontinġent tiegħu jasal Malta minn Tripli. Dawn kienu t-tliet kmandanti li riedu jeħduha kontra l-qawwa militari tal-Gran Mastru de Vallette, magħmula minn kavallieri minn diversi pajjiżi Ewropej u mill-Maltin.



Il-Gran Mastru Jean de Vallette

### Piali Pasha... daħal Għawdex diversi drabi qabel l-assedju

Wieħed forsi jistaqsi għaliex ġew magħżula dawn it-tliet mexxejja minn Suleiman II u min kienu. Piali Pasha nafu li kellu l-ġenituri tiegħu Kristjani, u Suleiman kien skopra l-abbiltà tiegħu waqt li kien għadu jaħdem fl-għelieqi f'Belgrad waqt waħda mill-battalji. Ħadu miegħu u beda jħarrġu fl-armata. Imma Piali kellu xejriet aktar għall-baħar u allura wara xi żmien ingħaqad mal-flotta tas-Sultan. Huwa mexxa diversi spedizzjonijiet b'suċċess fil-Mediterran. Piali tant kien qrib Suleiman li żżewweġ lin-neputija tiegħu, u minn hawn 'il quddiem kompla javvanza l-karriera navali tiegħu tant li kellu grad ta' Ammirall.

Piali kien jafu sewwa r-reġjun tal-Mediterran minħabba li dejjem kien ibaħħar mal-flotta. Il-gżejjer Maltin kien midħla tagħhom ukoll peress li kien niżel fl-art aktar minn darba qabel dan l-assedju. F'Mejju tal-1560 fi triqtu lejn il-Barbarija kien daħal Għawdex għall-ilma u minn hemmhekk, kien wara reżistenza fjakka qabad taħt idejh dgħajsa ta' Għawdex. Il-kaptan ta' din id-dgħajsa kien Mariano Santoro. Waqt interrogatorju, dan għadda ħafna informazzjoni utli lil Piali dwar il-flotta tal-Ordni u l-portijiet tal-gżejjer tagħna. Santoro kien ingħata l-libertà minn Piali, u meta l-Gran Mastru sar jaf b'dak li għamel, ingħata s-sentenza tat-tgħalliq. Piali kien reġa' daħal Għawdex f'Awwissu tal-istess sena fi triqtu lejn l-Afrika; dejjem biex jieħu l-ilma u ma sab ebda reżistenza.

### Mustafa Pasha... fanatiku kontra r-reliġjon Kattolika

Mustafa Pasha nafu li kien Tork kemm mill-familja kif ukoll mit-twelid. Kien iben familja mill-Maċedonja, u daħal fl-armata Ottomana ta' età żgħira ħafna. L-ewwel battalja li nafu li ħa sehem fiha u ddistingwa ruħu fiha kienet f'Rodi kontra l-Kavallieri ta' San Ġwann, fejn wara s-suċċess li kiseb ingħata karigi għolja fl-armata. Huwa wkoll kellu parentela mas-Sultan Suleiman II peress li kien il-kuġin tal-mara tiegħu. Minbarra l-kapaċità u l-ambizzjonijiet li kellu fl-armata, kien magħruf ukoll għall-krudeltà u l-fanatiżmu kontra r-reliġjon Kattolika. Dawn l-ingredjenti kollha wassluh biex jilħaq il-kmandant tal-armata taħt Suleiman, li kien jafdah b'għajnejh magħluqa.

### Dragut... il-volpi tal-Baħar Mediterran

Dragut min-naħa l-oħra, nafu li kien kursar ta' fama kbira u bniedem ta' mibegħda mhux biss lejn il-Kavallieri imma lejn kull min kien Kattoliku. Sa minn ċkunitu kien irnexxa fejn jidħlu affarijiet tal-gwerra, tant li nsibu li huwa daħal fl-armata bħala bumbardier u minn hemmhekk kompla javvanza.

Bħal Piali huwa pprefera l-flotta mill-armata u tant kellu suċċessi f'dan il-qasam li kien il-kmand tal-vapur li dejjem iħuf għall-piraterija fil-Mediterran. Minħabba s-suċċessi li kellu kienu jsibuh bħala l-volpi tal-Baħar Mediterran. Fl-ispedizzjonijiet tiegħu kellu diversi suċċessi kontra l-Kavallieri u ħafna kienu l-Kavallieri li spiċċaw ilsiera tal-Mislem bis-saħħa tiegħu. Dragut kien jafhom sew il-gżejjer Maltin minħabba li nsibu dokumentat li daħal Għawdex fl-1540, l-1544 u l-1546, minn fejn kaxkar miegħu diversi abitanti. L-ewwel darba li daħal Għawdex waqt il-ġlied kien miet ħuh. Mhux Għawdex biss, iżda kien daħal mill-inqas tliet darbiet oħra f'Malta fil-port ta' Marsamxett fis-snin 1546 u 1547. Fl-1551 niżel fl-inħawi tas-Siġġiewi u kompla javvanza lejn Marsamett. F'dan l-attakk kienet saret battalja sħiħa fl-inħawi tal-Marsa u u fuq l-għolja ta' Sciberras. Il-Mislem matul dan l-attakk ma kellux strateġija u kien hemm nuqqas ta' ftehim bejniethom tant li kienu spiċċaw jattakkaw l-Imdina minflok il-Forti Sant'Anġlu kif xtaq Dragut. Wara dan kollu rħewlha lejn Għawdex fejn għamlu ħerba sħiħa u ħadu bħala lsiera kważi lill-abitanti kollha.

### de Vallette ħalef li jeqred is-saħħa tal-forzi Musulmani

Hawn naraw li għall-Assedju tal-1565 fuq il-gżejjer Maltin li kien wieħed ippjanat tajjeb, minbarra l-aħjar mexxejja li kellhom, peress li riedu rebħa akkost ta' kollox, Suleiman poġġa għad-dispożizzjoni tal-kmandanti tiegħu 30,000 ruħ li fil-biċċa l-kbira minnhom għajr 4,000 voluntier kienu gwerriera taħt il-kmand ta' Mustafa, u kważi l-istess ammont ta' nies imħarrġa fuq il-baħar taħt il-kmand ta' Piali. Ma' dawn kien hemm ħames inġiniera militari li kienu wieħed Tork, u erbgħa Ewropej li kienu renegati. Dawn xogħolhom kien li jagħtu l-pariri matul l-attakk u d-difiża Maltija mmexxija mill-Kavallieri. Magħhom ingħaqad ukoll Dragut.

Hawnhekk naraw ma' xiex kellu jħabbat wiċċu l-Gran Mastru Jean de Vallette, u l-konsulenti militari tiegħu. de Vallette, li twieled l-1494, u f'età żgħira kien ingħaqad mal-Ordni ta' San Ġwann, tħarreġ tajjeb ħafna fl-armi meta kienu għandhom fuq il-gżira ta' Rodi. Meta l-Ordni ġie Malta huwa kien involut ukoll f'diversi battalji u hawn kellu numru ta' rebħiet fuq l-għadu. Fl-1541 kien ġie ferut fuq il-basitment li kien fuqu, is-San Giovanni, ittieħed ukoll ilsir u kien imġiegħel jaqdef fuq ix-xwieni navali tal-Ottomani. Is-sena ta' wara ġie liberat permezz ta' bdil ta' priġunieri u dakinhar ħalef li jeqred is-saħħa tal-forzi Musulmani. Huwa ġie elett Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann fit-18 ta' Awwissu 1557 wara l-mewt tal-Gran Mastru Claude de La Sengle.

de Vallette kellu l-kwalifiki kollha neċessarji ta' mexxej, kellu personalità, u determinat li ma jħallix lill-Mislem jieħu l-Ewropa f'idejh. Kien proprju b'dawn il-kwalitajiet kollha li rnexxielu jgħaqqad forza Ewropea ta' Kavallieri, li flimkien ma' missirijietna ssieltu għal erba' xhur kontra l-flotta u l-armata ta' Suleiman u rnexxielhom joħorġu rebbieħa.

Dwar x'ġara fl-Assedju smajna ħafna u mhux l-għan ta' din il-kitba li tagħti dettalji tal-battalji li għal erba' xhur sħaħ il-Kavallieri li kienu ferm iżgħar fin-numru mill-ġellieda Musulmani, flimkien mal-Maltin, inkluż in-nisa u ż-żgħażagħ, issieltu b'kuraġġ kbir u determinazzjoni, biex mhux biss salvaw lil arthom imma ddeterminaw il-futur tal-Ewropa.



Dragut midrub fatalment waqt l-Assedju l-Kbir



Mustafa Pasha kellu l-kmand tal-forzi Ottomani fuq l-art



Piali Pasha fdat biex imexxi l-qawwa Ottomana minn fuq il-baħar